

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 640/2008

ta' l-4 ta' Lulju 2008

**li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2658/91 dwar il-karatteristiċi taż-żejt taż-żebbuġa u l-fdal taż-żejt taż-żebbuġa u dwar il-metodi ta' analiżi rilevanti**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS)<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 113(1)(a) u 121(h), flimkien ma' l-Artikolu 4, tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2568/91 tal-11 ta' Lulju 1991 dwar il-karatteristiċi taż-żejt taż-żebbuġa u l-fdal taż-żejt taż-żebbuġa u dwar il-metodi ta' analiżi rilevanti<sup>(2)</sup> jiddefinixxi l-karatteristiċi kimiċi u organolettiċi taż-żjut taż-żebbuġa u taż-żjut tal-fdal taż-żebbuġa, kif ukoll il-metodi ta' l-evalwazzjoni ta' dawn il-karatteristiċi.
- (2) Skond l-Artikolu 2(1), l-għaxar inċiż, tar-Regolament (KEE) Nru 2568/91, għall-evalwazzjoni tal-karatteristiċi organolettiċi taż-żejt verġni taż-żebbuġa għandu jintuża l-metodu stabbilit fl-Anness XII għar-Regolament imsemmi.
- (3) Il-Kunsill Internazzjonali taż-Żejt taż-Żebbuġa (IOOC) f'Novembru 2007 adotta metodu rivedut għall-evalwazzjoni organolettika taż-żjut verġni taż-żebbuġa. Din ir-reviżjoni tinkludi aġġornament tad-deskrizzjonijiet ta' l-attributi pożittivi u negattivi taż-żjut verġni taż-żebbuġa, u d-deskrizzjoni tal-metodu. Tinkludi wkoll modifika tal-limitu massimu ta' perċezzjoni ta' difetti fiż-żejt verġni taż-żebbuġa.

- (4) Il-metodu rivedut tas-COOI għall-evalwazzjoni organolettika taż-żjut verġni taż-żebbuġa barra minn hekk jiddefinixxi l-kundizzjonijiet ta' l-użu fakultattiv fit-tikkettar ta' ċerti termini u espressjonijiet li jirrigwardaw il-karatteristiċi organolettiċi taż-żjut verġni taż-żebbuġa. Jeħtieġ li jiġi stabbilit li l-kapijiet tal-bordijiet ikunu jistgħu jiċċertifikaw il-konformità taż-żjut mad-definizzjonijiet relattivi għall-użu tat-termini u l-espressjonijiet imsemmija.
- (5) Ir-Regolament (KEE) Nru 2568/91 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.
- (6) Il-miżuri pprovduti b'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KEE) Nru 2568/91 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fit-tabella fl-Anness I, fil-ħdax-il kolonna ("Il-medjan ta' l-istima organolettika tad-difetti (Md)", iċ-ċifra "2.5" għandha tinbidel biċ-ċifra "3.5" fit-tieni rig, fit-tielet rig, u fin-nota 2 ta' qiegħ il-paġna.
- (2) L-Anness XII għandu jinbidel bit-test fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membri tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 510/2008 (ĠU L 149, 7.6.2008, p. 61).

<sup>(2)</sup> ĠU L 248, 5.9.1991, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 702/2007 (ĠU L 161, 22.6.2007, p. 11).

## ANNEX

## "ANNEX XII

**IL-METODU TAL-KUNSILL INTERNAZZJONALI TAŻ-ŻEJT TAŻ-ŻEBBUĠA GĦALL-EVALWAZZJONI ORGANOLETTIKA TAŻ-ŻJUT VERĠNI TAŻ-ŻEBBUĠA****1. L-GĦAN U L-QASAM TA' APPLIKAZZJONI**

Dan il-metodu jibbaża fuq id-deċiżjoni Nru DEC-21/95-V/2007 tas-16 ta' Novembru 2007 dwar il-metodu rivedut għall-evalwazzjoni organolettika taż-żejt verġni taż-żebbuġa tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żejt taż-Żebbuġa. Għandha l-għan li tistabbilixxi l-proċedura għall-evalwazzjoni tal-karatteristiċi organolettiċi taż-żjut verġni taż-żebbuġa fit-tifsira tal-punt 1 ta' l-Anness XVI għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u li jistabbilixxi l-metodu għall-klassifikazzjoni tagħhom abbażi ta' dawn il-karatteristiċi. Il-metodu fih ukoll indikazzjonijiet dwar it-tikkettar fakultattiv.

Il-metodu deskritt huwa applikabbli biss għaż-żjut verġni taż-żebbuġa, kif ukoll għall-klassifikazzjoni jew it-tikkettar tagħhom skond l-intensità tad-difetti perċepiti, tat-togħma fruttata u tal-karatteristiċi pożittivi oħra, kif deċiżi minn grupp ta' dewwieqa magħżula, mħarrġa u ttestjati, magħquda f'bord.

**2. ASPETTI ĠENERALI**

Għall-vokabolarju bażiku ġenerali, is-sala tat-tegħim, it-tazza tat-tegħim taż-żjut taż-żebbuġa u kwalunkwe kwistjoni marbuta ma' dan il-metodu, huwa rrakkomandat li dak li jkun iżomm mal-proviżjonijiet tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żejt taż-Żebbuġa, b'mod partikolari d-deċiżjoni Nru DEC-21/95-V/2007 tas-16 ta' Novembru 2007 dwar il-metodu rivedut għall-evalwazzjoni organolettika taż-żejt verġni taż-żebbuġa.

**3. VOKABOLARJU SPEĊIFIKU****3.1. Attributi Pożittivi**

*Fruttat*: is-sensazzjonijiet olfattivi karatteristiċi taż-żejt miġmugħa flimkien, skond il-varjetà taż-żebbuġa, minn frott b'saħħtu u frisk, aħdar jew matur, perċepiti direttament jew /u bix-xamm.

L-attribut *fruttat* ikun kwalifikat bħala *aħdar* meta s-sensazzjonijiet olfattivi jkunu jixbhu lil dawk tal-frott aħdar, karatteristiċi ta' żejt li jkun ġej minn frott aħdar.

L-attribut *fruttat* ikun kwalifikat bħala *matur* meta s-sensazzjonijiet olfattivi jkunu jixbhu lil dawk tal-frott matur, karatteristiċi ta' żejt li jkun ġej minn frott aħdar u matur.

*Morr*: togħma elementari karatteristika taż-żejt miksub minn żebbuġ aħdar jew fl-istadju tal-maturazzjoni, perċepit bil-papilli kalċiforimi li jiffurmaw iż-żona V ta' l-ilsien.

*Punġenti*: is-sensazzjoni tattili ta' tingiż, karatteristika taż-żjut prodotti lejn il-bidu ta' l-istaġun, prinċipalment abbażi ta' żebbuġ għadu aħdar, li tista' tinħass fil-kavità kollha tal-ħalq, partikolarment fil-ġerżuma.

**3.2. Attributi negattivi**

*Imdardar/sediment*: togħma karatteristika taż-żejt meħud minn żebbuġ mghaffegħ fuq xulxin jew maħżun f'kundizzjonijiet b'tali mod li jinsab fi stat avvanzat ta' fermentazzjoni anerobika jew ta' żejt li jkun baqa' f'kundatt mat-tjun' li jkunu qağħdu, li huma wkoll ikunu għaddew minn proċess ta' fermentazzjoni anerobika fil-btieti u t-tankijiet.

*Moffa-umdu*: togħma karatteristika taż-żejt miksub minn żebbuġ attakkat mill-moffa u mill-ħmira wara li l-frott ikun inħażen fl-umdità għal diversi ġranet.

*Togħma ta' nbid-hall / aċidu-qares*: togħma karatteristika ta' ċerti żjut li jfakkru fl-inbid jew il-hall. Hija kkawżata fondamentalment minn proċess ta' fermentazzjoni aerobika taż-żebbuġ jew ta' fdalijiet ta' għaġna taż-żebbuġ li jkunu baqgħu f'*mats* li ma jkunux inħaslu sewwa, li jikkawża l-formazzjoni ta' l-aċidu aċetiku, l-l-aċetat ta' l-etil (ethyl acetate) u l-etanol.

*Metalliku*: togħma li tfakkar fil-metalli. Hija karatteristika taż-żejt li jkun ilu żmien fil-kuntatt ma' wċuħ tal-metall, waqt il-proċessi tat-tifrik, it-taħlit, il-pressjoni jew il-ħżin.

*Imranġat*: it-togħma taż-żjut li jkunu għaddew minn proċess intens ta' ossidazzjoni.

*Imsajjar jew maħruq*: togħma karatteristika taż-żjut li toriġina minn tisħin eċċessiv u/jew imtawwal waqt li jkunu qed jinkisbu, u partikolarment matul it-taħlit termali ta' l-għaġna, jekk dan isir f'kundizzjonijiet ta' sħana mhux xierqa.

*Tiben-injam*: togħma karatteristika ta' ċerti żjut miksuba minn żebbuġ niexef.

*Raff*: sensazzjoni bukkotattili densa u magħgħuna li jħallu ċerti żjut qodma.

*Lubrifikanti*: togħma ta' żejt li tfakkar fid-diżil, il-griż tal-lubrikazzjoni jew iż-żejt minerali.

*Ilma tal-ħxejjex*: togħma li ż-żejt jeħodha wara kuntatt fit-tul ma' ilma tal-ħxejjex li jkun għadda minn proċess ta' fermentazzjoni.

*Salmura*: togħma taż-żejt miksub minn żebbuġ ippreservat fis-salmura.

*Spartu*: togħma karatteristika taż-żjut miksuba minn żebbuġ ippresat fil-mats ta' l-ispartu ġodda. Tista' tvarja skond jekk il-mats ikunx magħmulin minn spartu aħdar jew imnixxef.

*Ħamrija*: togħma ta' żejt miksub minn żebbuġ miġbur bi traċċi ta' ħamrija jew tajn u li ma jkunx inħasel.

*Imdewwed*: togħma ta' żejt miksub minn żebbuġ li jkun attackat bil-qawwi mid-dud tad-dubbiena taż-żebug (Bactrocera oleae).

*Fjar*: togħma karatteristika ta' żejt li jkun iżamm wisq fit-tul f'kontenituri ssiġillati ermetikament, partikolarment fil-laned attribwit għall-formazzjoni ta' 2,6-nonadienal.

*Injam umdu*: togħma karatteristika taż-żjut miksuba minn żebbuġ li jkun għada minn proċess ta' ffriżar fuq il-fergħa.

### 3.3. Terminoloġija fakultattiva għall-finijiet tat-tikkettar

Fuq talba, il-kap tal-bord jista' jiċċertifika li ż-żjut evalwati jilħqu d-definizzjonijiet u l-grad li jikkorrispondu għall-espressjonijiet u l-aġġettivi li ġejjin, f'termini ta' l-intensità u l-perċezzjoni ta' l-attributi.

- a) għal kull attribut pożittiv imsemmi fil-punt 3.1 (*fruttat*, jekk dan ikun f'loku, bil-kwalifika *aħdar* jew *matur*, *punġenti* u *morr*):
  - i) it-terminu 'qawwi' jista' jintuża meta l-medjan ta' l-attribut ikkonċernat ikun ogħla minn 6;
  - ii) it-terminu 'medju' jista' jintuża meta l-medjan ta' l-attribut ikkonċernat ikun bejn 3 u 6;
  - iii) it-terminu 'ħafif' jista' jintuża meta l-medjan ta' l-attribut ikkonċernat ikun anqas minn 3;
  - iv) l-attributi kkonċernati jistgħu jintużaw bla referenza għall-aġġettivi msemmija fil-punti i), ii) u iii) meta l-medjan ta' l-attribut ikkonċernat ikun 3 jew aktar;
- b) it-terminu 'bbilanċjat' jista' jintuża għal żejt li ma jkunx żbilanċjat. Il-kelma 'żbilanċ' tfisser is-sensazzjoni olfattogustattiva u tattili taż-żejt meta l-medjan ta' l-attribut *morr* u/jew dak ta' l-attribut *punġenti* jkun(u) ogħla b'żewġ punti mill-medjan ta' l-attribut *fruttat*.
- c) l-espressjoni 'żejt ħelu' tista' tintuża għal żejt meta l-medjan ta' l-attribut *morr* u dak ta' l-attribut *punġenti* jkunu 2 jew anqas.

## 4. IL-BORD

Il-bord għandu jkun magħmul minn kap tal-bord u minn tmien sa tnax-il dewwieq.

Il-kap tal-bord jeħtieġli jkun ta' edukazzjoni soda, u jkun midħla tat-tipi differenti ta' żjut u espert rikonoxxut dwarhom. Il-kap ikun responsabbli għall-bord, l-organizzazzjoni u l-funzjonament tiegħu, għat-tħejjija, il-kodifikazzjoni u l-preżentazzjoni tal-kampjuni lid-dewwieqa, kif ukoll għall-ġbir tad-dejta u t-trattament statistiku tagħha.

Għandu jagħżel id-dewwieqa, u jieħu ħsieb it-taħriġ tagħhom u l-kontroll tal-prestazzjonijiet tagħhom, biex jiżgura li jżommu rwieħhom flivell xieraq ta' ħila.

Jeħtieġ li d-dewwieqa għall-kontrolli organolettiċi taż-żjut taż-żebuga jintgħażlu u jitħarrġu skond il-ħila tagħhom li jiddistingwu bejn kampjuni simili, f'konformità mal-gwida tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żejt taż-Żebbuġa dwar l-għażla, it-taħriġ u l-kontroll tad-dewwieqa kkwalfikati taż-żjut taż-żebuga.

Il-bordijiet jeħtieġilhom jimpenjaw irwieħhom li jieħdu sehem f'evalwazzjonijiet organolettiċi pprovduti fil-pjanijiet nazzjonali, Komunitarji jew internazzjonali għall-ittejtjar perjodiku u l-armonizzazzjoni tal-kriterji ta' perċezzjoni. Barra minn hekk, fil-każ tal-bordijiet approvati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(1) ta' dan ir-regolament, jeħtieġilhom jagħtu kull sena lill-Istat Membru kkonċernat l-informazzjoni kollha dwar il-kompożizzjoni tagħhom u l-għadd ta' evalwazzjonijiet li jkunu wettqu bħala bord approvat.

## 5. IL-PROCĊEDURA GĦALL-EVALWAZZJONI ORGANOLETTIKA U L-KLASSIFIKAZZJONI

### 5.1. L-użu tal-formola ta' profil min-naħa tad-dewwieq

Il-formola tal-profil taż-żejt li għandha tintuża mid-dewwieq hija riprodotta fl-Appendiċi A.

Kull dewwieq li jkun membru ta' bord għandu jxomm, u mbagħad iduq iż-żejt imressaq għall-ittestjar. Wara għandu jniżżel fuq l-iskali ta' 10 cm tal-formola ta' profil li jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu l-intensità li biha jipperċepixxi kull wieħed mill-attributi negattivi u pożittivi <sup>(1)</sup>. Fil-każ ta' perċezzjoni ta' karattru aħdar jew matur ta' l-attribut fruttat, id-dewwieq għandu jimmarka l-kaxxa korrispondenti fil-formola ta' profil.

Fil-każ li jkunu perċepiti attributi negattivi mhux indikati fuq il-formola ta' profil, għandhom jitniżżlu taħt l-entrata 'oħrajn', bl-użu tat-terminu jew termini li jiddeskrivihom/uhom bl-akbar preċiżjoni minn fost dawk definiti.

### 5.2. L-użu tad-dejta min-naħa tal-kap tal-bord

Il-kap tal-bord għandu jiġbor il-formoli ta' profil li jimla kull dewwieq; għandu jiċċekkja l-intensità assenjata għall-attributi differenti; fil-każ li jirriżultalu li jkun hemm anomalija, għandu jitlob lid-dewwieq biex jirrevedi l-formola ta' profil tiegħu, u, jekk ikun hemm b'żonn, biex jirrepeti t-test.

Il-kap tal-bord jista' jdaħħal id-dejta ta' kull dewwieq permezz ta' programm tal-kompjuter konformi għall-metodu ta' kalkolu statistiku tal-medjan li jingħata fl-Appendiċi B. Ir-reġistrazzjoni tad-dejta għal kampjun għandha ssir permezz ta' matriċi komposta minn 9 kolonni li jikkorrispondu għad-9 attributi sensorjali, u minn  $n$  linja li jikkorrispondu għall- $n$  dewwieqa fil-bord.

Meta attribut negattiv li jkun perċepit minn tal-anqas 50 % tal-bord jitniżżel taħt l-entrata 'oħrajn', għandu jiġi kkalkulat il-medjan ta' dan id-difett u ż-żejt jiġi kklassifikat skond dan.

Il-kap tal-bord ma jistax jiċċertifika li ż-żejt evalwat jilħaq il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 3.3.a f'dak li jirrigwarda t-termini 'aħdar' jew 'matur' għajr meta tal-anqas 50 % tal-membri tal-bord ikunu indikaw li pperċepixxew il-karattru aħdar jew matur ta' l-attribut fruttat.

Fil-każ ta' l-analiżijiet imwettqa fil-kuntest ta' eżamijiet ta' konformità, għandu jsir test. Fil-każ ta' analiżijiet kontra-dittorji, il-kap tal-bord jeħtieġli jara li l-analiżi titwettaq darbtejn. Fil-każ ta' analiżijiet li jinnullifikaw, l-evalwazzjoni jehtieġliha ssir tliet darbiet. F'dan il-każ, il-medjan ta' l-attributi għandu jkun ikkalkulat abbażi tal-medja tal-medjani. Ir-replikazzjonijiet kollha ta' dawn it-testijiet ikunu jridu jitwettqu matul sessjonijiet differenti.

### 5.3. Il-klassefikazzjoni taż-żjut

Iż-żejt għandu jkun ikklassifikat fil-kategoriji li ġejjin, skond il-medjan tad-difetti u l-medjan ta' l-attribut fruttat. Il-medjan tad-difetti huwa definit bħala l-medjan tad-difetti li jkun ipperċepit bl-akbar intensità. Il-medjana tad-difetti u l-medjana tal-fruttat huma espressi b'ċifra deċimali waħda, u l-valur tal-koeffiċjent ta' varjazzjoni robusta li jiddefinixxihom jeħtieġli jkun 20 % jew anqas.

Il-klassefikazzjoni taż-żjut għandha titwettaq bi tqabbil tal-valur tal-medjan tad-difetti u l-medjan tal-fruttat flimkien ma' l-intervalli ta' referenza mfissra hawn taħt. Ġaladarba l-limiti ta' dawn l-intervalli kienu stabbiliti bil-qies tal-marġni ta' l-iżball tal-metodu, jitqiesu bħala assoluti. Programmi tal-kompjuter jippermettu li ssir klassifika viżiva f'tabella ta' dejta statistika jew inkella grafikament.

- a) *Żejt extra verġini taż-żebbuġa*: il-medjan tad-difetti jkun 0 u l-medjan ta' l-attribut fruttat ikun ogħla minn 0;
- b) *Żejt verġini taż-żebbuġa*: il-medjan tad-difetti jkun ogħla minn 0 imma mhux aktar minn 3.5, u l-medjan ta' l-attribut fruttat ikun ogħla minn 0;
- c) *Żejt taż-żebbuġa lampante*: il-medjan tad-difetti jkun ogħla minn 3.5; jew il-medjan tad-difetti ma jkunx ogħla minn 3.5, u l-medjan ta' l-attribut fruttat ikun 0.

### 5.4. Każ speċjali

Meta l-medjan ta' attribut pożittiv għajr dak fruttat ikun ogħla minn 5.0, il-kap tal-bord għandu jindika dan fiċ-ċertifikat ta' l-analiżi taż-żejt.

<sup>(1)</sup> Id-dewwieq jista' għa' joqgħod lura milli jduq żejt meta permezz tax-xamm dirett jipperċepixxi attribut negattiv b'intensità estrema. Fuq il-folja għandu jniżżel din iċ-ċirkustanza eċċezzjonali.

## Appendiċi A

**Formola ta' profil taż-żejt verġni taż-żebbuġa**

## INTENSITÀ TAL-PERĊEZZJONI TAD-DIFETTI

Imdardar/sediment: | \_\_\_\_\_ →

Moffa – umdu-ħamrija | \_\_\_\_\_ →

Inbid - Ħall - Aċidu - qares | \_\_\_\_\_ →

Metalliku | \_\_\_\_\_ →

Imranġat | \_\_\_\_\_ →

Oħrajn (għandu jiġi ppreċiżat) | \_\_\_\_\_ →

## INTENSITÀ TA' PERĊEZZJONIJIET TA' L-ATTRIBUTI POŻITTIVI

Fruttat | \_\_\_\_\_ →

Aħdar  Matur 

Morr | \_\_\_\_\_ →

Punġenti | \_\_\_\_\_ →

**Isem id-dewwieq****Il-kodiċi tal-kampjun:****Id-data:****Kummenti:**

\_\_\_\_\_

## Appendiċi B

## METODU TAL-KALKOLU TAL-MEDJAN U TA' L-INTERVALLI TA' KUNFIDENZA

**Il-medjan**

$$Me = [P(X < X_m) \leq 1/2 \wedge P(X \leq X_m) \geq 1/2]$$

Il-medjan huwa n-numru reali  $X_m$  ikkaratterizzat mill-fatt li l-probabbiltà (P) li l-valuri tad-distribuzzjoni (X) ikunu anqas minn dak in-numru ( $X_m$ ) mhijiex aktar minn 0.5 u li, fl-istess waqt, il-probabbiltà (P) li l-valuri tad-distribuzzjoni (X) ikunu ugwali għal  $X_m$  jew anqas minnu tkun 0.5 jew aktar. Definizzjoni oħra tqis il-medjan bħala l-50 perċentil ta' distribuzzjoni ta' numri ordnati miż-żgħir sal-kbir. Fi kliem ieħor, il-medjan jirrappreżenta l-valur ċentrali ta' serje fard ordnata ta' numri, jew il-medja taż-żewġ valuri ċentrali ta' serje żewġ ordnata ta' numri.

**Devjazzjoni standard robusta**

Għal stima affidabbli tal-varjabbiltà madwar medjan, jeħtieġ l-użu ta' l-istima tad-devjazzjoni tat-tip robusta skond Stuart u Kendall. Il-formula li ġejja tindika d-devjazzjoni tat-tip asimptotika, jiġifieri l-istima robusta tad-devjazzjoni tad-dejta kkunsidrata, fejn N huwa l-għadd ta' osservazzjonijiet u IQR il-firxa interkwartali, li jiġbor fih preċiżament 50 % tal-każijiet ta' kwalunkwe distribuzzjoni ta' probabbiltà.

$$S^* = \frac{1,25 \text{ IQR}}{1,35\sqrt{N}}$$

Il-kalkolu tal-firxa interkwartali jsir billi jitkejjel id-daqs tad-devjazzjoni bejn il-75 perċentil u l-25 perċentil.

$$\text{IQR} = \text{il-75 perċentil} - \text{il-25 perċentil}$$

Il-perċentil huwa l-valur  $X_{pc}$  ikkaratterizzat mill-fatt li l-probabbiltà (P) li l-valuri tad-distribuzzjoni jkunu anqas minn  $X_{pc}$  ma tkunx aktar minn parti determinata minn mija, u li, fl-istess waqt, il-probabbiltà (P) li l-valuri tad-distribuzzjoni ma jkunx aktar minn  $X_{pc}$  ma tkunx anqas minn dik il-parti minn mija msemmija. Il-parti minn mija tindika l-frazzjoni tad-distribuzzjoni użata. Fil-każ tal-medjan, din tkun 50/100.

$$\text{Perċentil} = [P(X < X_{pc}) \leq \frac{n}{100} \wedge P(X \leq X_{pc}) \geq \frac{n}{100}]$$

Fil-prattika, il-perċentil huwa l-valur fid-distribuzzjoni li jikkorrispondi għal medda determinata taħt il-linja tad-distribuzzjoni jew tad-densità. Pereżempju, il-25 perċentil jirrappreżenta l-valur tad-distribuzzjoni li jikkorrispondi għal medda ugwali għal 0.25 jew 25/100.

**Koeffiċjent robust ta' varjazzjoni %**

L-RVC jirrappreżenta numru pur, jiġifieri mingħajr dimensjoni, li jindika l-perċentwal ta' varjabbiltà tas-serje ta' numri analizzata. Huwa għalhekk li dan il-koeffiċjent huwa daqshekk utli għall-verifika ta' l-affidabbiltà tal-membri tal-bord.

$$rVC \% = \frac{S^*}{Me} 100$$

**Intervalli ta' kunfidenza fuq 95 % fil-medjan**

L-intervalli ta' kunfidenza f'95 % (il-valur ta' l-iżball ta' l-ewwel tip ugwali għal 0.05 jew 5 %) jirrappreżentaw il-firxa li fiha l-valur tal-medjan ikun jista' jvarja li kieku kien possibbli li l-esperiment jerġa' jsir għal għadd inifinit ta' drabi. Fil-prattika, dan l-intervall jindika l-firxa ta' varjabbiltà tat-test fil-kundizzjonijiet operattivi magħżula, li kieku kien possibbli li t-test ikun ripetut għadd ta' drabi. Bħal fil-każ ta' l-RCV, l-intervall jgħin biex titkejjel l-affidabbiltà tat-test.

$$IC_{sup} = Me + (c.S^*)$$

$$IC_{inf} = Me - (c.S^*)$$

fejn c, fil-każ ta' intervall ta' kunfidenza ta' 0.95, huwa valur ugwali għal 1.96."